# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1077/16/2 MH**

**Catherine armla minn Thomas Cauchi, Dottore in Medicina u Kirurgu Pedjatra John Cauchi, Thomas Cauchi u Jeremy Cauchi**

**v.**

**Awtorità tad-Djar u Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, Daniella Vella u b'verbal tat-22 ta' Mejju, 2019 l-atti ġew trasfużi f'isem Anthony u Graziella konjuġi Vella u Rita Vella bħala eredi tad-defunta Daniella Vella, u b'verbal tat-22 ta' Mejju, 2019 ġiet kjamata in kawża Stephanie Grech bħala eredi tad-defunt Michael Vella**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tas-17 ta' Ottubru, 2022 magħmula mill-Awtorità tad-Djar u mid-Direttur għall-

Akkomodazzjoni Soċjali taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Lulju 2022, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-25 ta' Novembru, 2016, l-atturi fissru li l-attriċi Catherine Cauchi u l-atturi l-oħra huma użufruttwarja u sidien tal-post bin-numru 36/37, fi Triq Sant'Ursula, fil-Belt Valletta. Jgħidu li dan il-fond kien ġie rekwiżizzjonat fit-3 ta' Jannar, 1983 u ġie mogħti b'kiri lil ċertu Michael Vella. B'ittra tat-3 ta' Lulju, 2003 id-Dipartiment għall-Akkommodazzjoni Soċjali għarraf lil Michael Vella illi din il-kirja spiċċat, però Michael Vella xorta baqa' joqgħod fil-post, sakemm fl-20 ta' Lulju, 2005 iddikjara li huwa kien qed jirrinunzja għall-kirja.

3. Komplew fissru li għalkemm il-post ġie derekwiżizzjonat fit-23 ta' Ottubru, 2008, il-konvenuta Daniella Vella, neputija ta' Michael Vella, baqgħet toqgħod fil-post mingħajr titlu u bla ma kienet rikonoxxuta mill-Awtorità tad-Djar. Dan sakemm ma hija ġiet żgumbrata bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Diċembru, 2014 fl-ismijiet ***Thomas Cauchi et v. Daniella Vella (rik. 162/2009).***

4. L-atturi sostnew li meta l-post ġie f'idejhom fit-23 ta' Jannar, 2015 huma sabu li dan kien fi stat ħażin ħafna. Għalhekk b'ittra ġudizzjarja tat-28 ta' Jannar, 2015 huma sejħu lill-Awtorità tad-Djar, lid-Direttur għall-Akkommodazzjoni Soċjali u lil Daniella Vella sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, u mbagħad fil-25 ta' Novembru 2016 fetħu din il-kawża u talbu illi:

> *«1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma responsabbli għall-ħsarat sofferti mill-atturi fil-fond 36/37, Triq Sant Ursula l-Belt Valletta u dan stante li l-ħsarat strutturali li ġralu l-fond saru tul l-okkupazzjoni tal-intimati u dan kif rappurtati mill-Perit Kenneth Zammit Endrich, skont rapport tas-26 ta' Jannar, 2015, kif ukoll danni konsistenti f'telf ta' profitt u kera li huma tilfu mid-derekwizizzjoni tal-fond imsemmi fit-23 ta' Ottubru, 2008 sal-preżentata tar-rikors ġuramentat odjern u dan sia minħabba l-istat ħażin li fih jinstab il-fond, kif ukoll minħabba t-telf ta' profitt f'kirjiet u/jew kumpens li huma kienu jirċievu kieku l-fond ġie konsenjat lura lilhom battal mad-derekwiżizzjoni tal-fond imsemmi;*
>
> *2. Tillikwida l-ħsarat li talvolta soffrew l-atturi minħabba l-ħsarat strutturali li għandu l-fond 36/37 Triq Sant Ursula, il-Belt Valletta skont rapport tal-Perit Kenneth Zammit Endrich tas-26 ta' Jannar 2015 u l-ħsarat li sofrew f'telf ta' kera u/jew profitt ieħor mid-derekwiżizzjoni tal-fond imsemmi sal-preżentata tar-rikors ġuramentat odjern, u dan jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimati biex iħallsu dik is-somma likwidata bħala danni sofferti sia minħabba l-ħsarat strutturali li l-fond 36/37 St.Ursula Street, Valletta issubixxa kif ukoll minħabba t-telf ta' kera u/jew profitt li huma sofrew minħabba l-okkupazzjoni abbużiva u illegali mid-derekwiżizzjoni tal-fond msemmi ossia mit-23 ta' Ottubru 2008 sal-preżentata tar-rikors ġuramentat odjern.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar 2015 u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.*
>
> *Salv danni ulterjuri mill-preżentata tal-kawża sa meta l-fond huwa aġibbli.»*

5. L-Awtorità tad-Djar ressqet żewġ risposti maħlufa: l-ewwel waħda fil-25 ta' Jannar, 2017 u t-tieni waħda fit-2 ta' Lulju, 2021. Fost l-

eċċezzjonijiet imressqa minnha kien hemm dawk tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2153** u l-**Artikoli 2156(ċ) u (f) tal-Kodiċi Ċivili**.

6. Il-konvenuta Daniella Vella wieġbet għal din il-kawża fis-27 ta' Frar, 2017 u qalet li hi ħalliet il-post fi stat tajjeb ta' tiswija u li f'kull każ hi ma tweġibx għad-danni miltuba mill-atturi; filwaqt li Stephanie Grech bħala werrieta ta' Michael Vella, li ġiet imsejħa fil-kawża b'digriet tat-22 ta' Mejju, 2019, wieġbet għall-kawża fl-14 ta' Awwissu, 2019 u qajmet fost eċċezzjonijiet oħra dik tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikoli 2153** u **2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili**.

7. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: (i) laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenuta Awtorità tad-Djar u mill-imsejħa fil-kawża Stephanie Grech; (ii) u laqgħet it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-werrieta tal-konvenuta Daniella Vella, u b'hekk ikkundannathom iħallsu lill-atturi s-somma ta' €8,207 għall-ħsarat strutturali li seħħew fil-post tul l-okkupazzjoni ta' Daniella Vella.

8. L-atturi appellaw b'mod prinċipali minn din is-sentenza sabiex jiżdied il-kumpens li jridu jħallsuhom il-werrieta ta' Daniella u sabiex anki l-Awtorità tad-Djar tiġi kkundannata tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnhom. Min-naħa l-oħra l-werrieta tal-konvenuta Daniella Vella appellaw b'mod inċidentali u talbu sabiex huma jiġu meħlusa minn kull

responsabbiltà għall-ħlas ta' danni lejn l-atturi.

9. Illi b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Lulju, 2022, din il-Qorti b'Imħallfin differenti ddeċidiet: (i) li tikkonferma s-sentenza appellata fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-imsejħa fil-kawża Stephanie Grech u ċaħdet it-talbiet tal-atturi sa fejn magħmulin kontra tagħha; (ii) li tħassar is-sentenza fejn ikkundannat lill-konvenuti werrieta ta' Daniella Vella jħallsu danni ta' €8,207 u, minflok, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mressqa minn dawn il-konvenuti kkundannathom iħallsu lill-atturi danni ta' €18,100; (iii) li tħassar is-sentenza appellata fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni tal-konvenuta Awtorità tad-Djar u ċaħdet it-talbiet tal-atturi sa fejn magħmulin kontra din il-konvenuta; u minflok, ċaħdet l-eċċezzjoni taħt l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** u laqgħet l-eċċezzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f)** biss sa fejn tolqot kirjiet mitlufa qabel Frar tal-2010; u ċaħditha għall-bqija; u b'hekk ikkundannat lill-Awtorità tħallas lill-atturi danni ta' €18,207, b'dan illi r-responsabilità tal-Awtorità u dik tal-konvenuti werrieta ta' Daniella Vella tkun *in solidum* sal-ammont ta' €18,100; u (iv) li tħassar id-deċiżjoni appellata dwar l-ispejjeż, u ordnat, minflok, li l-ispejjeż jinqasmu hekk: l-ispejjeż tal-ewwel grad u tal-appell ta' Stephanie Grech jitħallsu mill-atturi, filwaqt li l-ispejjeż l-oħra, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-Awtorità tad-Djar u l-werrieta ta' Daniella Vella flimkien.

10. Fil-qosor, sa fejn rilevanti għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri ta' ritrattazzjoni, biex waslet għal din is-sentenza, din il-Qorti qieset dawn il-fatturi li ġejjin:

i. Li hekk kif is-sid hu marbut li jgħaddi l-pussess materjali lill-Awtorità meta fond jiġi rekwiżizzjonat, daqstant ieħor l-Awtorità hija marbuta, meta l-fond ma jkunx okkupat minn terzi b'titolu validu magħruf mis-sid, illi trodd il-pussess materjali lis-sid hekk kif ma jibqgħalhiex ħtieġa tal-fond u tħassar ir-rekwiżizzjoni;

ii. Li l-Awtorità tad-Djar toħroġ mix-xena meta trodd il-pussess materjali lis-sid;

iii. Li l-obbligu tal-Awtorità tad-Djar hekk kif titħassar ir-rekwiżizzjoni mhuwiex biss li trodd il-pussess tal-fond lis-sid, iżda li l-fond troddu fi stat tajjeb ta' tiswija;

iv. Li f'dan il-każ l-obbligu tal-Awtorità li trodd il-fond twettaq – għalkemm mhux b'opra tagħha – meta l-fond ġie f'idejn is-sidien fit-23 ta' Jannar 2015, iżda ma twettaqx għalkollox għax dakinhar l-Awtorità naqset milli twettaq l-obbligu l-ieħor li l-fond troddu fi stat tajjeb. Għalhekk kien minn dakinhar tal-konsenja li ġie kristallizzat in-nuqqas tal-Awtorità li trodd il-fond fi stat tajjeb, u kien minn dakinhar li bdiet

għaddejja l-preskrizzjoni;

v. Li dan kien anqas minn sentejn qabel ma nkisret il-preskrizzjoni bl-ittra ġudizzjarja tat-28 ta' Jannar 2015 u bil-ftuħ tal-kawża fil-25 ta' Novembru 2016. Jiġi b'hekk, li l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mressqa mill-Awtorità tad-Djar, kemm jekk ta' sentejn taħt l-**Artikolu 2153** u kemm jekk ta' ħames snin taħt l-**Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili**, sa fejn jolqtu d-danni minħabba ħsarat ma jistgħux jintlaqgħu;

vi. Li danni fl-ammont ta' €8,207, kif likwidati mill-Ewwel Qorti, minħabba ħsarat fil-post huma ġustifikati għaliex l-istima tal-espert tekniku fl-ammont ta' €10,207 saret tliet snin wara l-iżgumbrament ta' Daniella Vella, u l-ħsarat żdiedu fit-tliet snin li l-atturi ħallew il-fond battal bejn l-iżgumbrament u l-istima;

vii. Li dwar id-danni minħabba telf ta' kirjiet, it-telf imġarrab anqas minn ħames snin qabel inkisret il-preskrizzjoni bl-ittra ġudizzjarja tat-28 ta' Jannar 2015, ma jintlaqatx bil-preskrizzjoni tal-ħames snin. It-telf ta' kirjiet li ma waqax bi preskrizzjoni għalhekk huwa dak imġarrab bejn Frar tal-2010 u Jannar tal-2015;

viii. Li l-Awtorità tad-Djar għandha tagħmel tajjeb għal nofs il-kirjiet mitlufa tal-ħames snin li ma jintlaqtux bil-preskrizzjoni fl-ammont ta'

€10,000;

ix. Li b'kollox id-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom l-Awtorità tad-Djar huma €18,207 maqsumin hekk: €10,000 għall-kirjiet mitlufa u €8,207 għall-ħsarat fil-post; u

x. Li l-werrieta ta' Daniella Vella għandhom iwieġbu għall-ħsara fil-post fl-ammont ta' €4,100 u għat-telf ta' kirjiet fl-ammont ta' €14,000, b'kollox €18,100.

11. Issa l-Awtorità tad-Djar u d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali ressqu rikors fis-17 ta' Ottubru, 2022, għaliex qegħdin jgħidu li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

12. Huma jsostnu li hi u tistħarreġ l-eċċezjonijiet tal-preskrizzjoni, din il-Qorti naqset milli tħaddem dak imsemmi fl-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

13. Skonthom f'dan il-każ, il-punt ta' tluq tal-preskrizzjoni ma kienx mill-

jum li l-atturi ħadu l-post lura fit-23 ta' Jannar, 2015 iżda minn meta seħħew il-ħsarat fil-post, f'data li tiġi qabel it-23 ta' Ottubru, 2008. Għalhekk huma jisħqu li din il-Qorti applikat il-liġi l-ħażina biex tiddetermina d-data minn meta kellha titlaq il-preskrizzjoni u b'hekk talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet biżżejjed għar-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2022 fl-ismijiet .... ai termini tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2022 ... ;*
>
> *3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża;*
>
> *4. Tgħaddi għas-smigħ tal-kawża u tiddeċiedi l-istess, billi sa fejn jolqot lill-Awtorità u lid-Direttur esponenti, tiċħad l-appell interpost mill-atturi biex b'hekk takkolji l-preskrizzjoni sollevati mill-Awtorità u d-Direttur esponenti.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi»*

14. L-atturi wieġbu fid-9 ta' Diċembru, 2022 u hemmhekk taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa mill-Awtorità tad-Djar u mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali jmissha tiġi miċħuda, bil-kundanna ta' ħlas ta' spejjeż doppji. L-imsejħa fil-kawża Stephanie Grech wieġbet fil-25 ta' April, 2023 u hi wkoll semmiet ir-raġunijiet tagħha għala din it-talba ta' ritrattazzjoni ma tistax tintlaqa'. Il-werrieta tal-konvenuta Daniella Vella ma daħħlux tweġiba bil-miktub.

15. Inżammet seduta fid-19 ta' Ottubru, 2023 u minn hemmhekk il-

kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

17. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Boris Arcidiacono et v. Salvu Schembri et***, Appell Superjuri tal-14 ta' Ottubru, 2014).

18. Talba ta' ritrattazzjoni għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma rebbħulhiex il-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

19. Fil-każ tal-lum ir-ritrattandi jgħidu li hemm lok ta' ritrattazzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Lulju, 2022 skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex skonthom din il-Qorti injorat fis-sentenza tagħha milli tqis u tħaddem l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**,

artikolu dan li jitkellem b'mod ġenerali dwar minn meta għandu jitlaq iż-żmien tal-preskrizzjoni.

20. Fis-sempliċità tiegħu, l-argument tar-ritrattandi huwa li kieku ġie applikat l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju, 2022 kienet tasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ it-terminu tal-preskrizzjoni għall-azzjoni tad-danni ma kienx jibda mid-data ta' meta l-atturi reġgħu ħadu f'idejhom il-post li kien rekwiżizzjonat u wżat minn Michael u Daniella Vella (i.e. mit-13 ta' Jannar, 2015), iżda kien jibda mid-data ta' meta l-atturi aċċettaw li kien hemm ħsarat fil-post (i.e. qabel it-23 ta' Ottubru, 2008).

21. Din il-Qorti kif inhi komposta, però ma taqbilx mar-ritrattandi li din hija raġuni tajba biżżejjed biex huma jistgħu jitolbu r-ritratazzjoni ta' kawża taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

22. Hemm raġuni tajba ta' ritrattazzjoni taħt din il-kawżali jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, jirriżulta li l-Qorti tkun applikat artikolu tal-liġi flok ieħor li kellu suppost jiġi applikat (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

23. Fil-każ tagħna, ir-ritrattandi ma jgħidux liema kien dak l-artikolu tal-

liġi li ġie wżat u msemmi ħażin fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Fir-rikors tagħhom huma jillimitaw ruħhom biss biex jgħidu li l-Qorti tal-Appell ma applikatx l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**. Dan iżda mhux biżżejjed biex tkun tista' tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(e)**. Dan għaliex ir-ritrattandi għandhom id-dmir li jindikaw mhux biss l-artikolu tal-liġi li ġie injorat fis-sentenza attakkata u li suppost kellu jiġi mħaddem, iżda r-ritrattandi għandhom id-dmir li jindikaw ukoll liema kien dak l-artikolu tal-liġi li fil-fehma tagħhom ġie mħaddem flok dak it-tajjeb fis-sentenza attakkata (ara ***Frank Calleja v. Charles Paul Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 2022 u ***Joseph Vella v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2022).

24. Tassew taħt il-kawżali ta' tħaddim ħażin tal-liġi, dak li jrid jintwera huwa li s-sentenza attakkata tkun ħaddmet liġi b'oħra, u mhux li ma tħaddmitx liġi li setgħet kienet tgħodd għall-każ iżda li ma ntużatx (ara ***Jeremy S. Harris nomine v. Patrick Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2023).

25. F'kull każ, din il-Qorti ma taqbilx mar-ritrattandi li din il-Qorti fis-sentenza attakkata injorat dak li jgħid l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**. Fil-fatt din il-Qorti f'paragrafu 18 tas-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju, 2022 irreferiet għall-fatt li l-Awtorità tad-Djar kienet qiegħda targumenta li

bit-tħaddim ta' dan l-artikolu speċifiku tal-liġi, it-tluq tal-preskrizzjoni f'dan il-każ kellu jitlaq minn meta d-danni ġew imwettqa u mhux minn meta l-atturi reġgħu ħadu l-pussess tal-post.

26. Irriżulta madankollu li din il-Qorti kif dakinhar impoġġija, ma qablitx ma' din it-teżi. Qieset minflok li billi l-Awtorità tad-Djar kellha obbligu li trodd lura l-pussess tal-post fi stat tajjeb ta' tiswija, allura kien biss minn dakinhar tal-konsenja li ġie kkristallizzat in-nuqqas tal-Awtorità li trodd il-post fi stat tajjeb, u kien għalhekk minn dakinhar li bdiet għaddejja l-preskrizzjoni.

27. Ir-ritrattandi jistgħu jargumentaw li din il-konklużjoni ma tirriflettix dak li jiddisponi l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, *viz*. illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Jistgħu jinsistu wkoll li l-istitut tal-preskrizzjoni jiġi sfrattat jekk kemm-il darba l-azzjoni għad-danni minħabba ħsara li tkun saret fl-ewwel sena tal-kirja, titħalla ssir għaxar snin wara, minn meta ntemmet il-kirja. Dawn l-argumenti però mhumiex fatturi li jagħtuhom jedd illi jitolbu smigħ mill-ġdid tal-appell taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

28. Is-sentenza għandha titħassar taħt dan il-motiv ta' ritrattazzjoni,

mhux meta l-Qorti tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, *i.e.* mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***FM Core Limited v. Ministeru ta' Għawdex et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' April, 2023).

29. Fil-każ tagħna, m'għandniex sitwazzjoni li din il-Qorti injorat dak li jiddisponi l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili** kif jgħidu ħażin ir-ritrattandi. Mod ieħor, għandna sitwazzjoni li din il-Qorti applikat dan l-artikolu f'din il-kawża b'mod u manjiera li ma għoġobx lir-ritrattandi. B'daqshekk dan ma jagħtix lir-ritrattandi l-jedd li jitolbu ritrattazzjoni tas-sentenza fuq il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex jekk hemm bżonn illi jerġa' jingħad, ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi wżata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ minflok liġi oħra li tgħodd għall-każ.

30. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti ma taqbilx mar-ritrattandi li f'dan il-każ jirriżultaw dawk iċ-ċirkostanzi sabiex hija tkun tista' tordna r-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 811(e)**.

31. Fl-aħħar nett, din il-Qorti tqis li għalkemm ir-rikors tar-ritrattandi mhuwiex mistħoqq u fil-fatt dan sejjer jiġi miċħud bi spejjeż kontra tagħhom, madankollu dan ma kienx fieragħ u vessatorju, kif jgħidu l-atturi, li jistħoqqlu l-kundanna tal-ħlas tal-ispejjeż għal darbtejn skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha tal-Awtorità tad-Djar u tad-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2022, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm